# Ġann Indrì Trevisan (1781-1838)

## *Patrijott Żebbuġi t'Art Twelidu u Avventurier Militari*

**© Eric Bonanno B.Ed. (Hons).**

Jingħad li l-familja Trevisan kienet ilha stabbilita hawn Malta sa mis-seklu 16. Kienet daħlet fi gżiritna mir-Repubblika ta' Venezja bis-saħħa ta' Giacomo Trevisan, għall-ħabta ta' l-1582.[1]

Id-dixxendenti tal-familja Trevisan tkattru u nfirxu ma' Malta. Nhar il-Ħadd, 8 ta' Jannar 1747, Marco Antonio, iben Domenico u Anna Trevisan mill-Isla, iżżewweġ lil Sapientia Dimech, bint il-mejjet Giovanni Pawlu Dimech u martu Geronima minn Ħaż-Żebbuġ. Iż-żwieġ tagħhom sar fil-Knisja Parrokkjali ta' San Filep.[2]

Wara żmien twil bla wlied, minn dan iż-żwieġ kien hemm tmint itfal.[3] Dawn kienu Mario (ca. 1771), Domenico (ca. 1773), Fortunata (ca. 1775), Giuseppe (1776),[4] Giulia (1778),[5] Giovanni Andrea (1781) (fig. 1), Marco Antonio (1784), u Salvatore (ca. 1785).

Dik ta' Trevisan kienet familja bi prinċipji sodi u tagħlim nisrani tajjeb. Kienu diversi d-dixxendenti ta' din il-familja li kienu taw sehem kbir lis-soċjetà Maltija. Wieħed biżżejjed isemmi lil Ġużeppi u lil Giovanni Antonio Trevisan (it-tnejn ulied Ġann Indrì) li kienu taw sehemhom fil-qasam tal-mediċina u f'tal-liġi, rispettivament, lil Ġann Indrì nnifsu fil-kamp militari u lil Dun Salv Trevisan[6] fil-kamp pastorali.

L-omm, Sapientia, kienet mara twajba u kienet tiffrekwenta l-knisja regolarment. Jidher li kienet tat-tajjeb ukoll għax fil-fatt, fl-1832 kienet anki waqfet fundazzjoni ta' quddies kantat u benefiċċji oħra fil-knisja arċipretali ta' San Filep.[7]



*Fig. 1. Ġann Indrì Trevisan. (Riproduzzjoni wara E. Sammut, bil-kortesija tal-Bibljoteka Nazzjonali ta' Malta).*

S'issa għadu mhux magħruf f'liema parti ta' Ħaż-Żebbuġ kienet toqgħod il-familja Trevisan. Biss, minn supplika li kien għamel il-missier Marc Antonio lill- Gran Mastru De Rohan fit-23 ta' Lulju 1782, jidher li kienu joqgħodu l-bogħod mill-pjazza tar-raħal fejn Marc Antonio kien ukoll jaħdem ta' piżatur pubbliku.[8]

Jidher ukoll mill-i*Status Animarum* ta' Ħaż-Żebbuġ għas-sena 1757, li fl-istess dar ma' Marc Antonio u Sapientia kien hemm tgħix Anna, omm Marc Antonio.[9]

Issa Ġann Indrì kien twieled fit-8 t'April 1781[10] waqt ir-renju tal-Granmastru *Fra. Emmanuel de Rohan-Polduc* (1775-1797). Dak iż-żmien, l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann kienet ilha li bdiet it-triq tan-niżla. Ta' madwar 16 -il sena ra lill-aħħar Granmastru ta' Malta, il-Ġermaniż *Fra Ferdinand von Hompesch*, jitla' fuq it-tron, u madwar sena wara jitniżżel ma' l-invażjoni tal-gżejjer Maltin mill-Ġeneral Napuljun Bonaparti. Kienet din l-invażjoni

li ħarġet fil-beraħ il-karattru ta' dan iż-Żebbuġi pjuttost minsi.

L-invażjoni tal-gżejjer Maltin ma ħaditx wisq żmien. Xi wħud kien mingħalihom li kellha tkun xaqq dawl ta' tama għalihom. Biss, il-madmad ta' din il-ħakma l-ġdida malajr beda jinħass.

Il-liġijiet li l-istess Napuljun kien għadda qarsu fil-laħam il-ħaj lil kulħadd. Patrijiiet u sorijiet ġew imkeċċija minn Malta. Kunventi sfaw magħluqin. In-nobbli tneżżgħu mit-titli tagħhom. Uħud mill-palazzi darba proprjetà ta' l-Ordni ta' San Ġwann tbattlu mid-dehebijiet u l-ħaġar prezzjuż li kien fihom. It-taxxi fuq kull ħaġa kienu saru pjaga għal kulħadd.

Imma l-aktar ħaġa li lill-poplu Malti kienet tagħtu ġewwa kienet li ntmessitlu r-reliġjon li tant kienet għal qalb missirijietna. Twaqqfu l-festi u bdew jiġu misruqa u rkantata kull ħaġa prezzjuża li kellna fil-knejjes tagħna.

Din kienet ix-xrara li kebbset qawmien missirijietna, u kien proprju fl-assalt li kien sar fuq l-Imdina fejn insibu lil Ġann Indrì Trevisan jissemma għall-ewwel darba fil-kamp militari.

Petizzjoni magħmula minn uliedu, l-avukat Dr. Giovanni Antonio Trevisan u t-tabib Dr. Giuseppe Trevisan titfa' dawl dwar l-avventuri ta' missierhom Ġann Indrì.[11]

Meta n-nutar Emmanuele Vitale tar-Rabat kien organizza l-assalt fuq l-Imdina li seħħ nhar it-Tnejn, 3 ta' Settembru 1798,[12] Ġann Indrì, li kien għadu ġuvnott ta' madwar 17 -il sena kien hemmhekk ukoll. F'dan l-assalt kien safa ferut f'idejh il-leminija.

Ix-xrar tkebbes f'nar qawwi, u r-rewwixta kibret bil-kbir. Il-Maltin assedjaw il-



*Fig. 2. (L-isqof) Mons. Franġisku Saverju Caruana; Pittura li tinsab fis-sagristija tal-knisja parrokkjali ta' San Filep.*



*Fig. 3. Id-dar f'tas-Samra, fil-Ħamrun fejn Caruana kien ilaqqa' lil Trevisan u l-kapijiet l-oħra tal-battaljuni tiegħu.*

gwarniġġjon Franċiż li kellu jingħalaq wara s-swar għal madwar sentejn qabel ma ċeda biex ma jmutx bil-guħ.

Fl-istess ħabta, il-Kanonku Żebbuġi Franġisku Saverju Caruana[13] (fig. 2.) kien inħatar il-kap tal-battaljuni ta' Ħaż-Żebbuġ u tas-Siġġiewi. Bħala l-kamp tagħhom, li kien jissejjaħ il-Kamp ta' San Ġużepp, dawn kienu okkupaw l-għolja tas-Samra (fil-Ħamrun), li kienet l-aktar post mikxuf għall-bumbardamenti mill-Franċiżi stazzjonati fil-Furjana.

Assisent ta' Caruana kien hemm Dun Salv Bonanno[14] u bħala segretarju kien hemm in-nutar Ġużeppi Brignone[15]. Caruana kien ilaqqa' l-uffiċjali tal-battaljun tiegħu f'dar f'tas-Samra stess (fig. 3.).

Il-kapijiet tal-battaljun ta' Ħaż-Żebbuġ kienu Ġann Indrì Trevisan, Anton Attard, Anton Muscat, Dun Anton Baldacchino, Indrì Pavia, Ġużeppi Agius, Filippu Attard u Wiġi Zarb[16].

Minn hawn jidher li Ġann Indrì kien ħaġa waħda mal-ġeneral, il-Kanonku Caruana.

Fil-lejl tal-Ħamis ta' wara, jiġifieri fis-6 ta' Settembru 1798, iż-żagħżugħ Ġann Indrì mexxa stakkament ta' Maltin li sgassa l-polverista li kien hemm f'Kordin. Minn hemm irnexxilu joħroġ 79 kartell porvli u 40 kaxxa kbira mimlija skrataċ tal-balla.

Dak inhar reġa' safa ferut bejn spalltu. Kien bniedem li ma kien jaqta' qalbu minn xejn.

Il-pitgħada, 8 ta' Settembru kien hu li tella' għall-ewwel darba l-bandiera Ngliża fuq il-gżejjer Maltin. Billi ma kienx hawn bnadar Ingliżi hawn Malta dik il-ħabta, tniżżlet waħda minn fuq il-vapur tal-gwerra l-'*H.M.S. Alexander*', li flimkien m'oħrajn kien qed jimblokka d-daħliet għall-Port il-Kbir u l-Port ta' Marsamxett. Il-bandiera kienet twaħħlet fuq ir-razzett ta' Vincenzo Borg, imlaqqam 'Brared', f'Birkirkara, il-kap tal-battaljun ta' Birkirkara.

Kemm dam l-imblokk kontra l-Franċiżi, Ġann Indrì kien jikkmanda l-postazzjonijiet ta' quddiem nett fil-kampijiet ta' San Ġużepp f'tas-Samra u f'ta' Kordin (illum parti minn Paola), li billi kienu t-tnejn biswit il-Port il-Kbir, kienu l-eqreb lejn il-kanuni tal-Franċiżi.

Bl-għajnuna tiegħu, fl-1799 tniżżlu l-art 150 morin Ingliż taħt il-kmand tal-Maġġur Wear biex jgħinu lill-Maltin fl-assedju tagħhom. Dawn kienu l-ewwel truppi Ngliżi li tniżżlu hawn Malta.

Kien ukoll preżenti waqt l-attentat biex tinħataf il-belt Valletta minn naħa tal-port ta' Marsamxett li kellha ssir nhar il-Ħadd, 25 ta' Novembru 1798, liema attentat kien falla u hu tilef bosta minn nies tiegħu.

Dan kien l-istess attentat li minħabba fih safa ffuċillat Dun Mikiel Xerri, Żebbuġi ieħor, u wieħed mill-mexxejja ewlenin tal-komplott.

Ġann Indrì kien ukoll preżenti waqt l-attakk li kien sar fuq il-Kottonera ħdejn il-fortizza tas-Salvatur nhar it-Tlieta, l-1 ta' Jannar 1799 u anki fl-attakk fuq l-Isla li kien sar nhar il-Ħamis, l-14 ta' Frar 1799, f'liema attakk kien safa ferut f'rasu.

Kien ukoll l-uniku uffiċjal Malti li flimkien mal-Ġeneral Pigot u mal-kmandant, Sir Alexander Ball[17] daħal wara s-swar tal-Furjana dak inhar tal-kapitulazzjoni tal-Franċiżi, nhar il-Ħamis, l-4 ta' Settembru 1800. Kellu miegħu mal-200 suldat Malti mill-kamp ta' San Ġużepp li kienu marru ħalli jieħdu pussess ta' l-ibliet.

Baqa' ma ħa ebda ħlas tas-servizz li kien ta f'dawn iċ-ċirkostanzi. Ironikament, meta spiċċa l-imblokk u xi wħud ingħataw medalja kommemorattiva, l-anqas din ma kienet ingħatatlu.[18]

Il-karriera militari u avventuruża tiegħu ma waqfetx mat-tkeċċija tal-Franċiżi minn gżiritna.

Nhar l-Erbgħa, it-12 ta' Novembru 1800 il-Logotenent Ġenerali Sir Ralph Abercrombie kien inkarigah li jwaqqaf korp militari ta' 200 raġel biex imorru fuq spedizzjoni lejn l-Eġittu.

Trevisan dan irnexxielu jagħmlu billi ħareġ minn butu s-somma ta' £83. 6s. 8.[19]

Nhar il-Ħamis, l-1 ta' Jannar ta' l-1801 kien waqqaf stakkament ta' 100 raġel għall-'*Maltese Militia*'[20]. Biex għamel dan kien ħareġ is-somma ta' £25 minn butu. Kien dam sentejn u disgħa xhur inkarigat minn dan il-korp bħala Logotenent.

Intant, f'dan iż-żmien Ġann Indrì żżewweġ lil Duminka Mamo, bint Ġammri u Giovanna, nhar it-Tlieta 26 ta' Jannar 1802.

Iċ-ċelebrant taż-żwieġ kien Dun Tumas Scicluna, rettur tal-parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ. Ix-xhieda kienu Ġanni Borg u Filippu Curmi. Kif kienet l-użanza dak iż-żmien, l-għada taż-żwieġ il-koppja reġgħet tbierket waqt quddiesa oħra, din id-darba fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, f'Ħal Qormi.[21]

Minn dan iż-żwieġ kellu ta' l-anqas ħamest itfal, Giuseppe[22], Giovanni Antonio[23], Francesca[24], Marianna u Giovanna[25].

Fil-25 ta' Jannar ta' l-1860 dawn iż-żewġ xebbiet kienu joqogħdu fi Strada Sikkina (illum Triq Vilhena) fil-parti li tmiss ma' Triq il-Madonna ta' l-Anġli. Hi probabbilta' li kienu għadhom joqgħodu f'dar missierhom.[26]

Interessanti nsemmu wkoll li issa li kien iżżewweġ, Ġann Indrì kien ried iserraħ moħħu minn dħul fiss għalih u għall-familja tiegħu, tant li għall-bidu ta' l-1803[27] kien għamel talba biex jingħata l-liċenzja ħalli jkun jista' jibda jbiegħ il-qamħ ġewwa Ħaż-Żebbuġ. Fil-fatt, il-liċenzja ngħatatlu lejn Marzu ta' l-istess sena.

Fl-14 ta' Settembru ta' l-1803 waqqaf stakkament ieħor b'155 raġel għall-'*Provincial Corps*', għat-twaqqif ta' liema stakkament kien ħareġ is-somma ta' £200. Trevisan kien għamel sentejn u seba' xhur inkarigat bħala kaptan ta' dan il-korp.[28]

Mat-twaqqif tar-'*Royal Regiment of Malta*', nhar il-Ġimgħa, 12 t'April 1805, Trevisan kien magħżul u rrakkomandat mill-Logotenent Ġenerali W.A. Villetier, kmandant tal-forzi f'Malta u kurunell fl-istess riġment, biex jitpoġġa bħala kaptan ta' l-imsemmi riġment, liema rakkomandazzjoni ma kellhiex effett billi l-post kien diġa' ntela' mill-Altezza Tiegħu, il-Kap Kmandant. Għalhekk, Trevisan minn jeddu aċċetta li jagħti s-servizz tiegħu bħala logotenent fir-riġment, minkejja l-fatt li kien hu stess li ħareġ £83. 6s. 8d. biex waqqaf kumpanija ta' 80 raġel għar-riġment imsemmi. Dam sitt snin u ġimagħtejn jagħti servizz militari f'dan il-korp li kien twaqqaf biex jipprovdi servizz militari barra minn xtutna.[29]

Bejn il-25 ta' Novembru 1807 u t-13 ta' Marzu 1808, Trevisan kien jinsab fi Sqallija stazzjonat f'Milazzo taħt il-kmand tal-Maġġur Augustus Mead.[30] Waqt li kien hemm, kien ħa sehem ukoll fl-assedju tal-kastell ta' *Scilla* f'*Calabria*, fl-Italja, taħt il-kmand tal-kurunell Robertson tas-'*Sicilian Regiment'*.

F'Settembru tas-sena ta' wara telaq minn Sqallija biex jingħaqad mal-gwarniġġjon Malti f'Capri. Dik il-ħabta l-gżira ta' Capri kienet f'idejn l-Ingliżi biss malli Ġwakkin Murat[31] kien imlaħħaq re taż-żewġ Sqallijiet, kienet waħda mill-prioritajiet li kellu fl-aġenda tiegħu li jerġa' jieħu taħt idejh lil din il-ġżira.

It-telfa ta' Capri wieħed jista' jgħid li kienet inevitabbli billi ma kienx hemm gwarniġġjon kbir iħarisha.

Darba minnhom Ġann Indrì lemaħ dgħajsa żgħira riesqa lejn ix-xatt f'naħa msejħa *Cala del Limbo*. Allavolja rraporta xkien osserva lis-superjuri tiegħu u fetaħ in-nar fuq dawk li kienu fid-dgħajsa, dawn irnexxielhom jaħarbu. Kienet ġemgħa tar-rikonjizzjoni.

L-attakk fuq Capri beda fil-lejl bejn it-3 u l-4 t'Ottubru. Dan baqa' sejjer sa l-għada wara nofsinhar. Il-kontinġent Malti spiċċa mirbuħ u Ġann Indrì u sħabu sfaw priġunieri. Għalquh



*Fig. 4. Dehra moderna ta' l-isptar tal- Lazzarett (isfel, xellug) qrib il-forti Manoel fil-port ta' Marsamxett*

f'*Castel Nuovo* ħdejn Napli[32] , biss, irnexxilu jaħrab u rritorna Malta. Minn hemm baqa' sejjer u ngħaqad mal-kumpanija tar-*Regiment of Malta* nhar is-Sibt, 11 t'Awissu 1810. Billi dan kien it-tir li dejjem kellu f'moħħu, għalhekk, kemm dam il-ħabs m'aċċettax li jingħata l-liberta' proviżorja.

Meta kien ittieħed priġunier Ġann Indrì tilef numru ta' dokumenti importanti.[33]

Meta mbagħad dan ir-reġiment kien xolt nhar l-Erbgħa, il-25 t'April 1811, Trevisan kien baqa' jitħallas b'nofs paga. Beda jieħu ħlas ta' żewġ xelini u erba' soldi kuljum billi meta kien impjegat kellu l-grad ta' logotenent f'dan ir-riġment[34] . Dan il-ħlas baqa' jieħdu sa l-aħħar ta' ħajtu.[35]

Wara dan l-episodju kemm il-darba kien offra l-ħidma tiegħu fiċ-ċivil. L'offerti tiegħu ġew aċċettati u fil-fatt kien magħżul biex jagħti servizz bħala logotenent fir-riġment ta' De Watteville f'Ġibilta'.

Telaq lejn Ġibilta biex jingħaqad ma' dan ir-riġment, biss, malli wasal hemm sab li l-appuntament tiegħu kien ġie annullat billi l-uffiċċjali kellhom ikunu kollha Svizzeri.

Għal darba oħra, fi Frar ta' l-1813 reġa' ressaq applikazzjoni oħra, din id-darba quddiem Lord William Bentick, Kmandant Ġenerali ta' l-armata Ngliża fil-Mediterran, biex jingħata xogħol fis-servizz ċivili. Kien imħeġġeġ jingaġġa fil-lieva Taljana, biss, ġara li proprju f'dan iż-żmien, is-servizzi tiegħu reġgħu kienu meħtieġa hawn Malta u minħabba f'hekk ma setax jagħti sehemu fl-Italja.

F'Malta kienet faqqgħet il-pesta.

Nhar il-Ħamis, l-20 ta' Mejju 1813, l-Eċċellenza tiegħu il-Gvernatur ta' Malta u Kmandant tal-Gwarniġġjon tal-gżira, il-Logotenent Ġenerali Sir Hildebrand Oakes ħatru kaptan tal-portijiet biex jissorvelja l-Port il-Kbir u l-Port ta' Marsamxett u ta' kummissarju tas-saħħa biex jagħmilha ta' supretendent ta' l-isptar tal-Lazzarett (fig. 4) billi kien mimli bl-impestati, kif ukoll biex jara li d-dfin tal-mejtin isir kif kien meħtieġ.

Kien ukoll inkarigat li ma jħallix li ssir komunikazzjoni bejn id-dgħajjes fil-portijiet minn nies li kienu jinżlu minn Għawdex bil- u għall-provisti.

Ġann Indrì kien ukoll inkarigat minn kull bastiment ieħor sorġut fil-portijiet, minn x'ħin jidħol fil-port sa ma jerġa' jsalpa.

Dan ix-xogħol bdieħ mill-1 ta' Ġunju 1813[36] u dam jagħmlu madwar sena u nofs.

Xi żmien wara, Ġann Indrì spiċċa bla xogħol imma l-Gvernatur ta' Malta Sir Thomas

Maitland malajr sablu post ieħor minħabba l-kridenzjali u l-esperjenza li kellu.

Ittra ta' rakkomandazzjoni li Trevisan kien akkwista minn għand il-Logotenent, il-Kurunell Konti Francesco Rivarola, kmandant tar-Riġment Sqalli tal-Maesta' Tiegħu ir-Re, u Spettur Ġenerali tal-Pulizija ta' Malta, kellha tkun li tagħtih spinta tajba wkoll.

Din in-nota kienet tgħid hekk: *"I do hereby certify that Lieutenant John Andrew Trevisan, of the late Royal Regiment of Malta, has served during the plague of 1813 to 1814 as Captain of the Port of Valletta, and that he performed all these services with Activity, Zeal and Fidelity, in such a way that he has met the approbation of his superiors."*[37]

Nhar it-Tnejn, is-7 ta' Frar 1815 Ġann Indrì beda impjieg bħala l-iskrivan prinċipali fi ħdan il-korp tal pulizija fl-uffiċċju tal-Kaptan tal-Portijiet[38], fejn baqa' sa nhar is-Sibt, l-aħħar ta' Marzu 1838.

Għall-ħabta ta' l-1818 Trevisan kiser difrejh mad-diviżjoni tal-ħlasijiet tal-*War Office* billi meta kien ġie ntitolat li jieħu nofs il-paga li kellu fir-*Royal Regiment of Malta*, dan kellu jagħmlu bla ma jaħdem imkien ieħor bi qliegħ.

Biss, naraw li meta daħal jaħdem mad-dipartiment tal-pulizija, dan il-kuntratt kien inkiser[39]. Minħabba f'hekk kellu jerġa' jagħti lura mhux anqas minn £170. 9s. 0d.[40]

Fil-fatt insibu li għall-bidu li beda jaħdem mal-pulizija kellu paga ta' £108 fis-sena, waqt li mill-1824 sa ma rtira fl-1838 il-paga tnaqqsitlu għal £92 12s. fis-sena.[41]

Dan kien proprju l-aħħar xogħol li kien daħal għalih Ġann Indrì. Bih għalaq l-aħħar kapitlu ta' ħajtu. Dam jaħdem fil-korp tal-pulizija għal madwar 23 sena u xaharejn sal-31 ta' Marzu 1838 meta ħareġ bil-pensjoni għas-servizz twil li kien ta tul ħajtu.[42]

Wara marda twila miet ta' 57 sena nhar l-Erbgħa, it-12 ta' Settembru 1838[43] ġewwa l-Furjana wara li kien għamel operazzjoni tal-ġebla.[44]

Indifen fil-knisja parrokkjali ta' San Filep f'raħal twelidu, fil-qabar b'numru 101 li kien tal-familja Dimech, nies ommu.

Il-mewt tiegħu tħabbret anki fuq il-gazzetti[45] lokali. Dan li ġej huwa l-eloġju li nkiteb għalih fil-*Malta Government Gazette*;

> "*Besides the honourable testimonies of his conduct, which Sig. Trevisan held from various British authorities, he was no less esteemed for his personal character in all the private relations of life; and among other good qualities, his charitable disposition and the satisfaction he felt in administering to the wants of the needy, were not the least remarkable.*
>
> *Sig. Trevisan left a widow and family to deplore his loss; and he is no less regretted by a large circle of friends."*

**Ringrazzjamenti:**
Nixtieq inrodd ħajr lill-Kavallier Joseph, C. Sammut, K.M., lill-Kaptan Joseph M. Wismayer, u lis-sur F. X. Trevisan ta' l-għajnuna li tawni biex nipprepara din ir-riċerka.

1 Sammut, E., *A Military Career . . . . and its Aftermath: Giovanni Andrea Trevisan (1781-1838)* fid-'*The Malta Land Force Journal,'* (Malta, Lulju 1972), p.76.

2 Arkivju Parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ (APŻ), *Matrimoniorum* Vol. 3 (Jann. 1711 sa Mejju 1762), pp. 525/6.

3 Kurja Arċiveskovili ta' Malta, (CEM.), *Status Animarum*, Kaxxa 23c, Faxxiklu 25 (*Citta Rohan* 1791); Mhux impaġnat.

4 Dan Giuseppe kien tgħammed bl-isem ta' Alessandro. (Ara APŻ, *Baptisatorum* Vol. 7 (Jannar 1756 sa Diċembru 1786), p. 495.

5 Din Giulia kienet tgħammdet bl-isem ta' Margherita. (Ara idem, p. 575)

6 Dun Salv Trevisan kien strumentali biex Ħaż-Żebbuġ

illum għandu l-istatwa titulari ta' San Filep.

[7] CEM., *Conti*, Vol. 117 *Miscellania*, Faxxiklu 2, *Ricevute dell esito della veneranda lampada Casal Zebbug*. Mhux impaġnat.

[8] Librerija Nazzjonali ta' Malta (NLM.), AOM 1194 (Tomo 13); f.73r.

[9] CEM. *Status Animarum*, Kaxxa 23c, Faxxiklu 14, Citta Rohan, mhux impaġnat.

[10] APŻ, *Baptisatorum*, Vol 7 (Jannar 1756 sa Diċembru 1786), p. 662.

[11] Arkivju Nazzjonali ta' Malta (NAM), O'Ferrall Petitions, Vol. 9 (S-T) 1847 ta' l-1851. Bosta middettalji li ser jissemmew f'dan l-artiklu huma meħudin minn din il-petizzjoni.

[12] Casha, A., *Nutar Emmanuele Vitale 1759-1802*, (Malta 1998), p.33. Ara wkoll NLM., MS 269 "Relazione di Lorenzo Bugeja".

[13] Caruana kien twieled f'Ħaż-Żebbuġ fis-7 ta' Lulju 1759. Kien laħaq Kanonku tal-Katidral fl-1796. Kien sar Arċidjaknu fl-1822 u fi xjuħitu, fl-1831 sar ukoll Isqof ta' Malta. Kien ukoll neguzjant tal-qoton. Miet ta' 89 sena fis-17 ta' Novembru 1847.
Għal aktar tagħrif dwar il-Kanonku Franġisku Saverju Caruana u s-sehem tiegħu fil-veskovat taddjoċesi ta' Malta, ara, Bonnici, A., *L-Istorja ta' Malta fi Ġrajjet il-Knisja*, (Malta, 1996), pp. 43 sa 57.

[14] Dun Salv Bonanno, wieħed mill-prediċessuri ta' l-awtur, kien ġej minn familja ta' benestanti li kienet tat bosta qassisin u kjerċi lill-kleru Żebbuġi. Kien miet fl-età żgħira ta' madwar 44 sena fl-istess kamp fuq tas-Samra, nhar il-Ħadd, 7 t'April 1799. Għallfuneral tiegħu, li kien sar fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ, fejn ukoll saret id-difna, attendew madwar 600 suldat mill-kamp ta' San Ġużepp. (Ara APŻ, *Mortuorum,* Vol. 4. (Nov. 1740 sa Nov. 1820), f. 334.

[15] Testa, Carmelo, *Maż-Żewġ Naħat tas-Swar*, (Malta1980), Vol. 2., p.245.

[16] NAM PS 10/1, ff. 64. Ta' min isemmi wkoll li kif hemm imniżżel fl-istess dokument, wieħed missurġenti tal-battaljun ta' Ħaż-Żebbuġ kien Ġużeppi Trevisan, ħu Ġann Indrì. F'dan id-dokument hemm lista sħiħa ta' dawk proposti biex jirċievu xi forma ta' kumpens fi ħlas għas-servizz militari tagħhom waqt l-imblokk kontra l-Franċiżi bejn l-1798 u l-1800.

[17] Sir Alexander Ball kien sar l-ewwel gvernatur talgżejjer Maltin. Miet f'Malta fl-1809.

[18] Sammut, Chev. J.C., *Maltese Blockade Medals*, fi Fiorini, S. (Ed)., *Proceedings of the History Week 1992*, Is-Soċjetà Storika ta' Malta, (Malta 1994), pp. 77 sa 82.

[19] Xelin (1s.) kien isarraf 5c. tal-lum, waqt li sold (1d.) kien isarraf 4 milleżmi.

[20] Ara Wismayer, Capt. J.M. *The History of the King's Own Malta Regiment and the Armed Forces of the Order of St. John*, (Malta 1989), p.106.

[21] APŻ, *Matrimoniorum* Vol. 4 (Jann. 1762 sa Sett. 1814). p. 659.

[22] Dan Giuseppe kien laħaq tabib u kien igħix fir-Rabat ta' Malta. Waqt l-epidemija tal-Kolera ta' l-1837 kien ta s-servizz tiegħu ta' tabib fil-fortizza tar-Rikażli fejn dak iż-żmien kienu qed jinżammu l-koleriċi. Kien anki jagħti s-servizz tiegħu bla ħlas fl-Imsida, l-Furjana, il-Marsa, u fl-isptar ta' San Ġużepp f'Ħaż-Żebbuġ kif ukoll fl-isptar tal-koleriċi fl-Imdina.
Ta sehem ukoll anki fl-epidemija tal-kolera ta' l-1850.

[23] Giovanni Antonio kien studja l-liġi. Fil-fatt kien laħaq avukat tal-fqar fil-qorti ta' Malta f'affarijiet ċivili.

[24] Francesca twieldet f'Ħaż-Żebbuġ fit 13 ta' Novembru 1807. Ara APŻ, *Baptisatorum*, Vol. 9 Frar 1804 sa Frar 1821, pp. 131, 132.

[25] APZ, Reġistru ta' Kontribuzzjonijiet ta' l-Istatwa tal-Fidda ta' San Filippu t'Aggira. Mhux impaġnat. Skond dan id-dokument, Marianna u Giovanna kienu ħarġu 5 grani għall-istatwa.

[26] *Ibid*.

[27] NAM, Index of Petitions 1803(F), ff. 108, 256 Skond l-aħħar dokument insibu li f'Ħaż-Żebbuġ seta' jkun hemm biss żewġ bejjiegħa tal-qamħ.

[28] Ara wkoll Chesney, Maj. A.G., *Historical Records of the Maltese Corps of the British Army*, (London, 1897), p.54.

[29] *Ibid*. p. 51.

[30] Sammut, E., *Op. cit*., p. 80.

[31] Ħaten Napuljun Bonaparte.

[32] Sammut, E., *Op. cit*., p. 81.

[33] *Ibid*.

[34] NAM, Blue Book 1837, Civil Establishments, p.104.

[35] NAM., Government Gazette (Gov. Gaz.) 1838, Vol. 24, p.411.

[36] *Ibid*.

[37] Sammut, E., *Op. cit*. p. 83.

[38] NAM, Blue Book 1821, Civil Establishments, pp.33/4.

[39] Għalkemm wara s-sitwazzjoni ġiet irranġata xi ftit.

[40] Sammut, E., *Op. cit*., pp. 83 u 84.

[41] NAM, Blue Books 1824 sa 1838, Civil Establishments, *Passim*.

[42] NAM., Gov. Gaz. *Op. cit*.

[43] APŻ, *Defunctorum* Vol. 5 (Nov. 1820 sa Jann. 1880). Fol. 107r.

[44] NAM, Gov. Gaz. *Op. cit*.

[45] Ara Librerija Nazzjonali ta' Malta, *Il-Portafoglio Maltese*, Ħarġa ta' l-20/9/1838, p. 180. Ara wkoll NAM, Gov. Gaz. *Op. cit*.